MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 2020/1997/1

**Bank of Valletta Plc**
**vs**
**(1) Tirabouchon Limited u**
**(2) Pasqualino u Maria Dolores mizzewgin Grech**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta’ attrici ppremettiet illi:

Premess illi s-socjeta’ attrici *Bank of Valletta Plc* ikkoncediet ‘*Loan Facilities’* lill-konvenuta socjeta’ kummercjali *Tirebouchon Limited;*

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta socjeta' kummercjali *Tirebouchon Limited* fis-somma ta' hamsa u tletin elf, hames mija u tnejn u sittin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm35,562.28) bilanc ghad-debitu fil-'*Loan Accounts'* ta' *Tirebouchon Limited* mal-*Bank of Valletta Plc* (Dok 'B1 sa B17') flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1997 sad-data tal-effettiv pagament;

Premess illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler datati 2 ta' Settembru 1994 li qed jigu hawn esebiti u markati Dok 'C' u Dok 'D' u zewg skritturi privati datati 9 ta' Settembru 1994 u 13 ta' April 1995 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u markata Dok 'E' u Dok 'F' rispettivament, il-konvenuti Pasqualino u Maria Dolores mizzewgin Grech iggarantew flimkien u '*in solidum'* mas-socjeta' kummercjali *Tirebouchon Limited* ghaf-favur tal-*Bank of Valletta Plc* id-debiti tal-istess socjeta' kummercjali *Tirebouchon Limited* mal-*Bank of Valletta Plc*:

U premess illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 4 ta' Dicembru 1996 li kopja taghhom qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok 'G' u Dok 'H', sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Jghidu il-konvenuti ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

(1) Tikkundanna lis-socjeta' kummercjali *Tirebouchon Limited* u lil Pasqualino u Maria Dolores mizzewgin Grech ihallsu flimkien u '*in solidum'* bejniethom lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf, hames mija u tnejn u sittin liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm32,562.28) bilanc ghad-debitu fil- '*Loan Accounts'* ta' *Tirebouchon Limited* mal-*Bank of Valletta Plc* (Dok 'A' u Dok 'B1 sa 'B17') flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1997 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 4 ta' Dicembru 1996 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pasqualino u Maria Dolores mizzewgin Grech** a fol. 59 tal-process fejn eccepew:

1. Illi l-premessi u d-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' bankarja attrici huma erronji fis-sens illi l-kuntratti esebiti bhala Dok 'C' u Dok 'D' ma jirreferux it-tnejn ghal '*Loan Facilities'* u ghal '*Loan Accounts'* kif premess, izda jikkonsistu rispettivament f'kuntratt ta' mutwu u f'kuntratt ta' *overdraft* u ghaldaqstant jirreferu ghal '*Loan Account'* u ghal *'Overdraft Account'* rispettivament;

2. Illi minghajr pregudizzju, irid l-ewwelnett jigi pruvat li gew avvanzati lis-socjeta' konvenuta s-somom pretizi, u jrid isir ezercizzju ta' ezami tal-kontijiet prezentati;

3. Illi minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mill-limitu massimu mpost mill-ligi, kif ukoll imghax kompost u *charges, ledger fees* u kummissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali tas-socjeta' *Tirebouchon Limited* b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jitnaqqsu mill-kontijiet in kwistjoni, flimkien ma' l-imghax relattiv ghal tali somom;

4. Illi minghajr pregudizzju, l-azzjoni odjerna hija bazata fuq kuntratt ta' garanzija affetta minn nullita' a tenur ta' l-artikolu 987 Kap. 16 stante nuqqas ta' kawza u ta' konsiderazzjoni, u dan in vista tal-gratwita tal-kuntratt;

5. Illi minghajr pregudizzju, anki kieku stess din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li kienet issehh konvenzjoni anatocistika valida bejn is-socjeta' attrici u d-debituri principali, bis-sahha ta' liema konvenzjoni anatocistika seta' jigi kapitalizzat l-imghax fl-'*overdraft*

*account',* zgur li qatt ma nghata l- ebda kunsens posterjuri sabiex il-garanzija tkopri tali konvenzjoni anatocistika;

6. Illi finalment, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici jeccedu l-limitu massimu tal-garanzija prevista skond l-istess skritturi prezentati mis-socjeta' bankarja attrici, u dan skond ma' jirrizulta minn Dok 'E' u Dok 'F', fol 31 sa 38 tal-process.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta** a fol. 64 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-permessi u d-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta' bankarja attrici huma erronji fis-sens illi l-kuntratti esebiti bhala Dok 'C' u Dok 'D' ma jirreferux it-tnejn ghal '*Loan Facilities'* u ghal *'Loan Accounts'* kif premess, izda jikkonsistu rispettivament f'kuntratt ta' mutwu u f'kuntratt ta' '*overdraft',* u ghaldaqstant jirreferu '*Loan Account'* u ghal '*Overdraft Account* ' rispettivament;

2. Illi minghajr pregudizzju, irid l-ewwelnett jigi pruvat li gew avvanzati lis-socjeta' konvenuta s-somom pretizi, u jrid isir ezercizzju ta' ezami tal-kontijiet prezentati;

3. Illi minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mill-limitu massimu mill-ligi, kif ukoll imghax kompost u *charges, ledger fees* u kummissjonijiet mhux dovuti li gew mizjuda ma' l-obbligazzjonijiet principali b'qerq tad-dispozizzjonijiet relattivi ghall-anatocizmu u l-uzura latenti, u li ghaldaqstant ghandhom jitnaqqsu mill-kontijiet in kwistjoni, flimkien ma' l-imghax relattiv ghal tali somom;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat is-sentenza a fol 111 et tal-process;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Konsiderazzjonijiet**

Illi f’dina l-kawza xehdu biss zewg rapprezentanti tal-bank attur. Il-konvenuti ma ressqu ebda provi.

Bhala fatti jirrizulta li b’zewg kuntratti fl’atti tan Nutar Dottor Peter Fleri Soler tat 2 ta’ Settembru 1994 Dok ’C’ u Dok ‘D’ u zewg skritturi privati tad-9 ta’ Settembru 1994 u 13 ta’ April 1995 Dok ‘E’ u Dok ‘F’ il-konvenuti Pasqualino u Maria Dolores mizzewgin Grech iggarantew flimkien u ‘*in solidum’* mas-socjeta’ kummercjali *Tirebouchon Limited* a favur tal-Bank attur id-debiti tal-istess socjeta’ kummercjali *Tirebouchon Limited* mal-*Bank of Valletta Plc*.

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta kellha *overdraft account* mal-Bank attur. Meta ma baqghux isiru pagamenti u l-*overdraft account* waqaf f’Settembru 1996 dan nqaleb ghal *overdraft loan account reducing only.* L-imghax baqa’ ghaddej u kien jigi addebitat fil-kont kull sitt xhur. Kien qed jigi ccargjat imghax fuq imghax. Il-konvenuti kellhom diversi garanziji li bihom iggarantew l-*loan* u l-*overdraft* mal-Bank.

Giet ezibita s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal 1 ta’ Dicembru 2006 (ara fol 111 et seq) li biha t-talba li kienu ghamlu l-konvenuti konjugi Grech kontra l-Bank biex jigi dikjarat li l-garanzija maghmula minnhom tilfet kull effett u kienet nulla u inattendibbili, giet michuda.

Fil-kawza prezenti l-konvenuti konjugi Grech ipprezentaw diversi eccezzjonijiet li jinsabu a fol 59 tal-process, mentri s-socjeta’ konvenuta Tirebouochom Limited ipprezentat l-eccezzjonijiet taghha a fol 64. Jirrizulta li t-tlett eccezzjonijiet ta’ dina s-socjeta’ huma identici ghal l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konjugi Grech, ghalhekk il-

Qorti ser tezamina l-eccezzjoni tal-konjugi Grech kif prezentati.

Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qed jghidu li l-kuntratti esebiti bhala Dok 'C' u Dok 'D' jikkonsistu rispettivament f'kuntratt ta' mutwu u f'kuntratt ta' '*overdraft'* u ghaldaqstant dawn jirreferu ghal '*Loan Account'* u ghal *'Overdraft Account'* rispettivament. Il-Bank jaqbel li fil-fatt kienet inghatat facilita' ta' *loan* u facilita' ta' *overdraft* u meta l-*overdraft* ma baqax jithallas dan inqaleb ghall-*reducing only loan*.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti fejn jghidu li ghandu jigi pruvat li gew avvanzati lis-socjeta' konvenuta s-somom pretizi, il-Qorti taghmel referenza ghall *istatements* li gew ezibiti mill-Bank li ma gewx ikkontestati mill-konvenuti u lanqas ma ngabet xi prova mill-konvenuti li l-ammont intier mitlub mhux dovut. Ghalhekk dina l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Fit-tielet u sitt eccezzjoni l-konvenuti qed jghidu li it-talbiet attrici jinkludu somom sostanzjali ta' imghax in eccess mill-limitu massimu mpost mill-ligi, kif ukoll imghax kompost u *charges, ledger fees* u kummissjonijiet ohra mhux dovuti.

Dwar il-kwistjoni ta' l-imghax fuq imghax, u imghax in eccess, li gie mpost, il-Bank attur issottometta li fir-rigward ta' *overdraft*, il-Qrati taghna dejjem irrikonoxxew il-legalita' ta' dana, (ara gurisprudenza kwotata fin-nota tal-Bank) mentri fir-rigward ta' *loan* bankarju, huma jghidu li r-regoli tal-Kodici Civili jghoddu biss ghal semplici self (mutuum) u ma jghoddux ghall facilitajiet ta' *overdraft* jew ta' *loan* u cioe' dawk li jissejhu *apertura di credito* jew kif definit fil-Kodici Taljan bhala *apertura di credito in conto corrente* u *apertura di credito semplice* fejn l-imghaxijiet komposti u imghaxijiet oghla mir-rata ta' 8% huma permissibbili bil-Ligi.

Illi dawn is-sottomissjonijiet u dawk li hemm fin-nota tal-bank attur, diga gew sollevati mill-atturi fil-kawza Bank of Valletta p.l.c. vs Charles u Maria mizzewgin Muscat

deciza mill Prim Awla fis-6 ta’ Mejju 2004. Il-Qorti kienet ezaminathom fil-fond u rriaffermat il-posizzjoni li tapplika f’kazijiet bhal dawn u cjoe li l-artikolu 1142 tal-Kap 16 ma japplikax meta l-Bank jikkoncedi fakolta’ ta’ ‘*overdraft’* li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu, izda mhux l-istess jista’ jinghad ghall-kaz ta’ *loan account* fejn is-somma dovuta hija wahda determinata u ghalhekk japplika l-artikolu 1142 u jista jigi addebitat biss imghax semplici.

Fil-kaz in ezami pero’ l-konvenuti ma ressqu ebda prova biex jindikaw fejn il-Bank kien qed jiccargja imghax kompost u kif dawn gew addebitati lilhom. Il-konvenuti ma ndikawx liema huma imghaxijiet komposti jew in eccess li kienu qed jigu addebitati lilhom jew fejn l-*istatements* tal-bank dawn kienu zbaljati.

Dwar il-kwistjoni tal- *charges, ledger fees* u kummissjonijiet ohra li l-konvenuti jghidu li gew mizjuda u li ma kienux dovuti, l-Qorti taghmel riferenza ghad Dok C u D a fol 23 u 27 fejn gie miftiehem li dawn l-ispejjez kellhom jigu addebitati lill-kont taghhom. (ara fol 26 u 29).

Dwar ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti li l-azzjoni attrici hi bazata fuq kuntratt ta’ garanzija affetta minn nullita’ a tenur ta’ l-artikolu 987 Kap. 16 stante nuqqas ta’ kawza u ta’ konsiderazzjoni, u dan in vista tal-gratwita tal-kuntratt, il-Qorti tirrileva li l-garanzija ma kienitx wahda gratwita u dana billi l-konvenuti kienu ghamlu l-garanzija ghall kumpanija li ghal xi zmien kienet taghhom u huma kienu azzjonisti u diretturi, u li wara kienu bieghuha ghal somma sostanzjali.

Fl-ahhar eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew li t-talbiet attrici jeccedu l-limitu massimu tal-garanzija prevista skond l-istess skritturi prezentati mis-socjeta’ bankarja attrici, u dan skond ma’ jirrizulta minn Dok ‘E’ u Dok ‘F’, (dok a fol 31 sa 38 tal-process). Dwar dina l-eccezzjoni jirrizulta li l-konjugi Grech ma kienux biss garanti in forza ta’ l-iskritturi imsemmija, ‘E’ u ‘F’ imma wkoll bil-kuntratti Dok ‘C’ u ‘D’ fuq imsemmija u kellhom jaghmlu tajjeb ghall bilanc mitlub mill-Bank attur, kemm

ghal dak li jirrigwarda kapital kif ukoll ghal dak li jirrigwarda imghax.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi;
Il-Qorti tiddeciedi;
Prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif fuq spjegat
Tilqa' t-talbiet attrici u
Tikkundanna lill-konvenuti, *Tirebouchon Limited* u lil Pasqualino u Maria Dolores mizzewgin Grech ihallsu flimkien u '*in solidum'* lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u tletin elf, hames mija tnejn u sittin lira maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm32,562.28) kif mitluba, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' April 1997 sad-data tal-effettiv pagament;
Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------